# Franġiska Fenech:
## Mara ta' qalb tajba

### *kitba ta' Brian Camilleri*



Ħbieb, għal sena oħra messni x-xorti li nsellmilkom b'dan il-ħsieb fil-programm ta' l-Għaqda tan-Nar tar-raħal għażiż tagħna.
Ippermettuli li mhux biss insellem lilkom imma kif għamilt s-sena l-oħra nsellem personaġġi li ħallew timbru fostna, għexu magħna u ħadmu fi żminijiet partikulari.
Din is-sena nixtieq infakkarkom fil-memorja ta' waħda mill-ulied ta' dan ir-raħal, persuna li għalkemm jien ma nafhiex, bla dubju inti li forsi qed taqra, jew familjari tiegħek għadhom jiftakruha. Kienet mara umli, ma kinitx taf skola imma kellha l-ħila li f'mumenti ta' ferħ u ta' niket tassisti lil ommijiet oħra li kienu wasslu biex iwelldu lil uliedhom. Xi żmien iebes kien! fl-imgħoddi ma kienux imorru jwelldu fil-kumdità ta' sptar imma kienu jwelldu ġo għorfa tad-dar sempliċi ta' dak iż-żmien.



Qabel mhux bħal lum, grazzi għall-avvanzi li saru fil-qasam tas-saħħa. Kienu jitwieldu ħafna tfal imma kienu jintilfu ħafna wkoll, u l-ommijiet Għargħurin kienu jsejħu lil Franġiska, l-unika majjistra li kien hawn fir-raħal tagħna biex tkun preżenti f'dan il-mument sabiħ ta' ħolqien ġdid. Franġiska kienet ta' kuraġġ u ommijietna sabu wens fiha, anke f'ħinijiet tard bil-lejl, kienu jmorru jħabbtulha l-bieb taddar li kienet fi Triq San Nikola; u Franġiska b'imħabba kienet tmur u tassisti l-omm li kienet tkun se twelled.




### Imma min kienet Franġiska Fenech?

Din il-mara umli twieldet ir-raħal tagħna fit-3 ta' Frar 1893, kunjomha xebba kien Diacono. Żgur li għexet ħajja iebsa f'dawk iż-żminijiet ta' ġuħ li kien hawn f'pajjiżna, imma fatt ċert huwa li għexet ħajja sempliċi kif kienu jgħixu l-maġġoranza tan-nies f'raħal żgħir.
Franġiska wara li trabbiet mal-ġenituri tagħha li kienet tħobb u tirrispetta bħal kull bniedem ieħor, għażlet l-istat tagħha u f'età żagħżugħa żżewġet lil Bertu u kellhom żewġt'ulied li tawhom trobbija eżemplari u mħabba kbira. Ħajjet Franġiska kienet imfassla fuq l-imħabba lejn il-familja tagħha u lejn il-proxxmu tagħha. Sakemm il-Mulej sejħilha biex jagħtiha l-premju mistħoqq għall-ġid li għamlet. Kienet l-għodwa tat-8 ta' Novembru 1973 meta sabu l-Franġiska mejta wara l-bieb ta' barra.




Ħbieb, bla dubju ta' xejn avolja aħna raħal żgħir, imma nistgħu ngħidu li dejjem kellna nies li bl-eżempju tagħhom u l-ħidma tagħhom fostna ħallew timbru li ma jħassru ħadd minn qalbna. Ejjew ma ninsew qatt lil dawk li qabilna tawna l-identità tagħna ta' poplu li jaf iħobb lill-proxxmu tiegħu għax wara kollox x'hemm isbaħ mill-imħabba?
Dawn nies li ħabbew lil missierna San Bert u imitawh. Jien u int bħala ulied San Bert ukoll fid-dover li minbarra li nifirħu bix-xieraq u niddevertu kemm nistgħu f'dan iż-żmien tas-sena, għandna nħarsu lejn l-appostlu tagħna u naraw f'hiex nistgħu nimitawh fil-ħajja tagħna.
Minn qalbi nawguralkom festa mimlija ferħ u mħabba.
Viva San Bartilmew